MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 48/2004/1

Silvio Cilia

-vs-

Marino Cilia, Pauline Miceli nee Cilia, Marvin Bondin nee Cilia

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Silvio Cilia fejn jesponi b’ rispett:

1. Illi hu jikri minn ghand l- intimati l- fond 28, Triq Stefanio Zerafa, Marsa versu l- kera ta’ sittin Lira Maltin (Lm 60.00) fis- sena;

2. Illi permezz ta’ ittra ufficjali tal- 10 ta’ Mejju 2004 l- intimati baghtu ittra ufficjali lill- esponenti fejn avzawhom li ma kienux bi hsiebhom igeddu l- kirja mill- iskadenza li kien imiss jekk mhux bil- kera ta’ Lm 700 fis- sena;

3. Illi l- kera gusta ghal dan il- fond hija dik li attwalment qed tithallas cioe' Lm 60 fis- sena;

Ghaldaqstant l- esponent jitlob bir- rispett li dan l-Onorabbli Bord sabiex ai temini tal- Art 14 tal- Kap 69, jichad it- talba tal- intimati ghall- awment tal- kera kif mitluba fl- ittra uffijali fuq indikata.

Ra r- risposta ta' l- intimati fejn jesponu bir- rispett;

Illi r- rikors hu infondat fil- fatt u fid- dritt stante illi l-pretensjoni ta' l- esponenti ghaz- zieda fil- kera hi manifestament gustifikata, meta wiehed iqis id- daqs u l-pozizzjoni tal- fond 'de quo'.

Ra d- digriet tieghu tas- 27 ta' Ottubru 2005 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti.

Jiffissa l- kera tal- fond 28, Triq Stefano Zerafa, l- Marsa fl- ammont ta' mitejn lira Maltija fis- sena pagabbli kull sena bil- quddiem, bhala l- kera li mhux izjed minn 40% mill- kera gust li bih il- fond kien mikri jew seta jinkera f' kull zmien qabel l- 4 ta' Awissu ta' l- 1914 (Kap 69 art 4(b), qabel l- ordinanza XXI ta' l- 1931) mill- iskadenza li jmiss wara l- ittra uffijali tal- 10 ta' Mejju 2004; xoghol ta' manutenzjoni ordinarja jkunu a karigu tal- kerrej, xoghol iehor a karigu tas- sid. Spejjez bla taxxa bejn il- partijiet; ir- relazzjoni tal- periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------